9 Leġiżlatura

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 01, miżmuma nhar it-Tnejn 01 ta' Lulju 2019 fis- 6.30pm ta' fil-għaxija, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.**

Il-Laqgħa bdiet fis-Sitta u nofs ta' filgħaxija.

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima Sindku
- Daryl Connor Viċi Sindku
- Graziella Galea Kunsillier
- Anne Marie Fenech Kunsillier
- Carlos Zarb Kunsillier
- Mario Joseph Salerno Kunsillier
- Anthony Delia Kunsillier
- Alfred Bray Kunsillier
- Paul Bugeja Kunsillier
- Stephen Cremona Kunsillier
- Anthony Angelo Attard Kunsillier
- Christopher Vella Petroni Kunsillier
- Antoinette Bezzina Kunsillier

Segretarju Eżekuttiv – Mariella Strout

Il-Kunsillier Paul Bugeja fetaħ il-laqgħa fis-sitta u nofs.

1. **Aċċettazzjoni/Ġurament ta' ħatra ta' Sindku**
   Il-Kunsillier Paul Bugeja beda' bl-ewwel item fuq l-Agenda billi indirizza lis-Sinj Alfred Grima bis-silta li jmiss;

   *Inti, Alfred Grima, li gejt elett bħala Kunsillier bl-aktar ammont ta' voti fil-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar, hekk kif indikat fil-gazetta tal-gvern. Taċċeta il-kariga ta' Sindku ta' San Pawl il-Baħar skont Kapitolu 363 Att dwar il- Gvern Lokali, Taqsima III,Art. 25(1)*

   Is-Sinj. Alfred Grima aċċetta din il-kariga.

2. **Aċċettazzjoni/Ġurament tal-ħatra ta' Viċi Sindku**
   Il-Laqgħa tkompliet mis-Sindku Alfred Grima, billi indirizza lis-Sinj Daryl Conner bis-silta li jmiss;

   *Inti, Daryl Connor, li gejt elett bħala kunsillier fil-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar, hekk kif indikat fil-gazetta tal-Gvern. Taċċetta il-Kariga ta' Viċi Sindku ta' San Pawl il-Baħar skont Kapitolu 363 Att dwar il- Gvern Lokali, Taqsima III,Art. 25()*

   Is-Sinj. Viċi Sindku Daryl Conner aċċetta din il-kariga.

   Is-Sindku propona li l-laqgħa tiġi posposta għal 15-il minuta wara sabiex titieħed bibita tal-okkazzjoni.

3. **Ħatra ta Deputat Segretarju**
   Is-Sindku propona li l-Assistant Prinċipal Sandra Grech tkun id-Deputat Segretarju tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar. Kien hemm qbil unanimu.

**4. Tqassim tar-responsabbiltajiet tal-Kunsilliera**

Is-Sindku Alfred Grima propona kif għandom jiġu imqassma responsabbiltajiet hekk kif jidher fid-dokument (A) anness.

Il-Kunsilliera Laburista aċċettaw responsabbitajiet li ġew mogħtija.

Kunsilliera fil-minoranza nformaw li r-responsabilitajiet mogħtija jiġu 'kkunsidrati wara li l-grupp tal-Kunsilliera fil-minoranza jingħataw ir-responsabilitajiet skond kif titlob il-liġi.

Sadanittant, il-Kunsilliera li aċċettaw ir-responsabbiltajiet tagħom jistgħu jibdew bil-ħidma minnufih. Is-Sindku wera' l-apprezzament li kull Kunsillier jgħati l-kummenti tiegħu/tagħha dwar kull responsabbilta.

**5. Ħatra ta' Bordijiet u Kumitati**

Is-Sindku Alfred Grima propona kif għandom jiġu imqassma l-Bordijiet hekk kif jidher fid-dokument (A) anness.

Stieden lil Kunsilliera biex possibilment jaġġornaw lill -Kunsill bil- ħidma li tkun twettqet.

**6. Sitwazzjoni ta skart fil-Lokalita-Azzjonijiet meħtieġa b'urġenza**

Is-Sindku għamel referenza għad dokument (B) anness li ressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Matul l-ispjegazzjoni ta' dan id-dokument, il-Kunsilliera għaddew il-kummenti/suġġerimenti tagħhom ta' x'mizuri għandhom jitieħdu dwar l-iskart:

- it-tagħlim fuq riciklac ta' l-iskart ( simili ta' kampanja Xumiemu)
- ħinijiet ta'gbir ta' li-skart
- postijiet oħra minn fejn jistaw jinġabru l-boroz grizi u bojod sabiex tkun ikunu iktar accessibli għar- residenti
- il-bzonn li jerġaw jitpoġġew il skips ta' riciklac ( Bring in Sites)

**7. Aġġornament għad-data tal-laqgħa li jmiss**
Kien hemm qbil li laqgħa tal- Kunsill numru 02 issir it-tnejn 8 ta' Lulju 2019

<IFFIRMATA>
____________________
Alfred Grima
Sindku

<IFFIRMATA>
_________________________
Mariella Strout
Segretarju Ezekuttiv